MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2008

Numru 675/2001

**Il-Pulizija**
**(Supretindent Nicholas Ciappara)**

**vs**

**Caroline Magri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijet li permezz taghhom Caroline Magri ta’ 27 sena, iben Carmelo u Carmen nee’ Gaffarena, imwielda il-Pieta, fis-16.10.1974, u toqghod 1, “Villa Unik”, Triq Mons. Alfons Caruana, Mqabba, detentrici tal-Karta tal-Identita numru 17775(M) giet akkuzata talli:

F’dawn il-Gzejjer, fit-03 ta’ Gunju, 1998, bil-hsieb li taghmel hsara lil xi persuna, akkuzat dik il-persuna quddiem awtorita kompetenti b’reat, filwaqt li kienet taf li dik il-persuna hija innocenti, u dan bi ksur tal-Artiklu 101 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ukoll talli f’dawn il-Gzejjer fit-12 ta’ Mejju, 2000; fis-26 ta’ Lulju, 2001 jew fil-25 ta’ Settembru, 2001, tat xiehda falza fi proceduri kriminali dwar delitt suggett ghall-piena aktar mill-piena ta’ prigunerija ghal zmien sentejn, liema xiehda inghatat fil-Kawza Il-Pulizija, (Spettur Nicholas Ciappara) kontra Vincent Attard, u dan bi ksur tal-Artiklu 104(1) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ukoll talli f’dawn il-Gzejjer fit-03 ta’ Gunju, 1998; fit-12 ta’ Mejju, 2000; fis-26 ta’ Lulju, 2001; jew fil-25 ta’ Settembru, 2001, halfet il-falz quddiem Magistrat jew quddiem ufficjal iehor li jkollu is-setgha bil-ligi li jghati l-gurament, u dan bi ksur tal-Artiklu 108(1) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ukoll talli f’dawn il-Gzejjer fit-03 ta’ Gunju, 1998, bil-qerq holqot jew gieghelet li jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkun jistghu l-quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra bil-hsieb li b’hekk din il-persuna tkun tista tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja b’reat, u dan bi ksur tal-Artiklu 110(1) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ukoll talli f’dawn il-Gzejjer fit-03 ta’ Gunju, 1998, id-dennunzjat lill-Pulizija Esekuttiva reat li taf li ma sarx, inkella bil-qerq holqot tracci ta’ reat b’mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat sar, u dan bi ksur tal-Artiklu 110(2) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ukoll talli saret recidiva skond l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’sentenzi simili moghtija lilha mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-17.04,96, Awla 15, u 17.04.96, Awla 15.

Ukoll talli kisret il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenza moghtija lilha mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), id-datata 16.10.97, Awla 12.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali datati 26 ta' Lulju, 2002 u nnutat li l-imputata Caroline Magri m'ghandhix oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja.

Fl-ewwel lok tirrileva li din il-kawza kienet precedentement qieghda tinstema mill-Magistrat, illum Magistrat Irtirat Dr. Joseph Cassar LL.D. u li din il-kawza giet assenjata quddiem din il-Qorti kif presjeduta fis-sena 2007.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-hames (5) akkuza migjuba kontra l-imputata, liema akkuza tinkwadra ruhha fl-artikolu 110(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, inghatat bhala akkuza alternattiva ghar-raba' akkuza migjuba kontra l-imputata, liema akkuza tinkwadra ruhha fl-artikolu 110(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant talab lill-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija hames (5) akkuza migjuba kontra l-imputata.

Innutat ukoll li fis-Seduta tallum l-imputata iddikjarat li hi hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha salv il-hames (5) akkuza.

Il-Qorti wissiet lill-imputata bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghha u taghtha ftit taz-zmien sabiex tiddeciedi jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, u wara li giet mistoqsija jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, l-imputata regghet wiegbet li hi hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha salv il-hames (5) akkuza.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li hu konsapevoli li l-imputata m’ghandhix aktar il-vizzju tad-droga.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 104, 108, 110(1), 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikolu 10(1)(a) tal-Kap. 152 (illum Kap. 446) tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputata Caroline Magri, fuq ammissjoni, hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha salv il-hames (5) akkuza u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-fatt li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li hu konsapevoli li l-imputata m’ghandhix aktar il-vizzju tad-droga, tiddeciedi ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta li tpoggi lill-imputata Caroline Magri taht Ordni ta’ Probation ghal perjodu ta’ tlett (3) snin millum u dan bil-ghan li ma jkunx hemm ripetizzjoni ta’ reati simili u inoltre tikkundanna lill-imsemmija imputata Caroline Magri ghall-piena ta’ hames mija u tlieta u tmenin Ewro (Ewro 583) multa.

Rigward il-hames (5) akkuza migjuba kontra l-imputata Caroline Magri, fid-dawl ta’ dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta tallum rigward din il-hames (5) akkuza kif riportat aktar qabel f’din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ din il-hames (5) akkuza migjuba kontra l-imputata Caroline Magri.

Il-Qorti tordna li d-Digriet anness ma’ din is-Sentenza dwar il-kundizzjonijiet tal-Probation Order jifforma parti integrali minn din is-Sentenza.

Il-Qorti tordna in-notifika ta’ kopja ta’ din is-Sentenza u tad-Digriet anness ma’ din is-Sentenza lid-Direttur tal-Probation Services sabiex dan jassenja Ufficjal tal-Probation lill-imputata Caroline Magri.

L-Ufficjal tal-Probation assenjat ghandu jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-hatja kull sitt xhur.

Il-Qorti tat lill-imputata Caroline Magri l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 7(7) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------